Lingwa Kopta

Il-**lingwa Kopta** hi lingwa Afro-Asjatika l-aħħar fażi tal-Eġizzjan antik. Ir-relazzjoni bejn l-ilsien Kopt u l-Eġizzjan antik klassiku, hija simili għal dik li teżisti bejn il-lingwi rumanzi u l-Latin klassiku, b'tali mod li għandu grammatika u karatteristiċi ċarament distinti mill-lingwa tal-iskrizzjonijiet ġeroglifiċi tal-Imperu Nofsani. It-terminu "Kopt/Kopta" beda jintuża għall-lingwa Eġizzjana mill-ewwel seklu wK u baqa' s'issa[1]. Bħala l-lingwa ta' kuljum kienet fl-aqwa tagħha fis-seklu III sas-seklu VI. Illum baqgħet biss bħala lingwa liturġika tal-Knisja Kopta.

Iskrizzjonijiet kopti u Għarab fi knisja fil-Kajr antik

L-alfabett Kopt, li ġie introdott fit-tieni seklu qK, hu magħmul mill-ittri tal-alfabett Grieg, miżjud b'sitta jew seba' karattri tal-kitba demotika meħtieġa biex jirrappreżentaw il-ħsejjes li ma jinstabux fil-Grieg.

Werrej

Aspetti storiċi, soċjali u kulturali
- Storja
- Id-djaletti tal-Kopt

Deskrizzjoni lingwistika
- Grammatika
- Ġeneru grammatikali u numru

Referenzi

Bibljografija

Ħoloq esterni

Aspetti storiċi, soċjali u kulturali

Storja

Il-kopt għandu għadd kbir ta' kliem meħudin mill-lingwa Griega, il-lingwa uffiċjali imposta mit-Tolomej. Fis-seklu V qK kienet il-lingwa użata fil-letteratura fl-Eġittu l-Għoli.

It-terminu kopt/kopta ġej mill-kelma Griega antika Αἰγύπτιος / "Aigúptios" li tfisser *Eġizzjan* u ġiet mgħawġa mill-Kopti f' "Kuptios". Imbagħad, wara l-konkwisti Għarab tas-641 li għalihom il-kliem Eġizzjan u Nisrani kienu sinonimi inbidlet f' قبط , bl-Għarbi, pronunzjata *Qibt* fl-Eġittu l-Baxx u *Gibt* fl-Eġittu l-

Għoli u l-Kajr. Din l-aħħar forma, saret "Kopt" fil-lingwi Ewropej u saret isservi bħala l-isem tal-ilsien u l-kitba kif ukoll għan-nies Kopti. Meta l-lingwa Eġizzjana kien ħa postha l-Għarbi fis-seklu XII, il-Kopt baqa' jintuża biss bħala lingwa liturġika, fil-Knisja Monofiżita Kopta, li kienet infirdet mill-Knisja Biżantina fis-seklu V.

L-eqdem kitbiet bil-Kopt huma l-ittri ta' Sant Antonin Abbati (251-356), l-anakoreta tad-deżert. Matul is-sekli III u IV ħafna ekkleżjastiċi kitbu bil-Kopt, fosthom kien Pakomju, li r-regola monastika tiegħu għadha teżisti fil-Knisja Kopta. Id-dokumenti li nstabu f'Nag Ħammadi[2] huma bid-djalett Kopt, imsejjaħ Sagħidi.

Id-djaletti tal-Kopt

Iskrizzjoni Kopta

Iż-żewġ djaletti prinċipali, jikkorrespondu bejn wieħed u ieħor mal-Eġittu l-Baxx u l-Eġittu Għoli: dawn iż-żewġ djaletti huma:

- il-**Buħajri**, id-djalett prinċipali tal-Eġittu l-Baxx. Il-lingwa Kopta liturġika ta' llum ġejja minn dan id-djalett;
- is-**Sagħidi**, id-djalett prinċipali tal-Eġittu l-Għoli. Il-litteratura Kopta l-iżjed antika magħrufa kienet bid-djalett Sagħidi.

Minbarra dawn iż-żewġ djaletti prinċipali hemm djaletti oħra inqas importanti bħall-**Fajjumi** li dam sas-seklu VIII, l-**Aħmim** u l-**Likopolitan**[3]

Deskrizzjoni lingwistika

Grammatika

Il-Kopt hu l-unika forma tal-lingwa Eġizzjana antika li l-pronunzja tagħha nafuha minħabba l-użu tas-sistema fonetika Griega u għalhekk għandu importanza kbira għall-filoloġija Eġizzjana.

Il-Kopt tilef it-tmimijiet verbali u nominali tal-Eġizzjan klassiku, b'tali mod li l-flessjoni tiegħu għandha karatteristiċi differenti mqabbla mal-fażijiet iżjed antiki tal-lingwa Eġizzjana. Fil-fatt il-Kopt għandu t-tendenza li jirrappreżenta ċerti relazzjonijiet grammatiċi permezz ta' artikli, prepożizzjonijiet u partiċelli f'kostruzzjonijiet analitiċi b'kuntrast mas-sistema aktar sintetika u flessjonali tal-Eġizzjan klassiku (hemm xi paralleliżmu ma' dak li ġara fil-mogħdija tal-Latin għal-lingwi Rumanzi).

Ġeneru grammatikali u numru

Fil-Kopt hemm żewġ valuri possibbli tal-ġeneru grammatikali (maskili / femminili) li ntirtu mill-Eġizzjan klassiku. It-tmiem antik tal-femminili *t* sofra xi bidliet fonetiċi u fil-Kopt jidher biss meta jkun segwit minn ċerti suffissi possessivi: *ro* 'ħalq', *rō.k* 'ħalqek'; *hē* 'ġisem', *hēt.f* 'ġismek'[4].

Il-Kopt żviluppa l-artiklu mid-dimostrattivi tal-Eġizzjan klassiku, li ma kellux artikli. Dan ifakkarna f'dak li ġara fil-lingwi Rumanzi. Fil-fatt (bħal fil-Franċiż pereżempju) il-ġeneru ta' xi kliem fil-Kopt nistgħu nafuh biss mill-forma tal-artiklu. Il-forom tal-artiklu definit maskili huma: *p, pi, pe* u l-forom femminili huma *t-, ti, te*, il-forom kollha għandhom il-plural *n-* :

> *rōme* 'raġel' / *p-rōme* 'ir-raġel' / *n-rōme* 'l-irġiel'
> *p-saje* 'il-kelma' / *ti.polis* 'il-belt', *n-halate* 'l-għasafar'

Jintuża spiss ukoll l-"artiklu" indefinit li ma jeżistix fl-Eġizzjan klassiku. Dan l-artiklu evolva min-numru wieħed *ou*.

Il-plural, bl-istess mod bħall-femminili, jingħaraf kważi esklussivament mill-forma tal-artiklu ta' qabel, minħabba li normalment l-għerq fil-plural mhux differenti mis-singular. Madankollu, xi kultant l-għerq għandu forom differenti għas-singular u l-plural, bħala fdal ta' bidla fonetika, differenti mill-forom antiki:

hōb 'ħaga', *hbēje* 'ħwejjeġ'
son 'ħu', *snēj* 'aħwa'

Referenzi

1. ^ The History of the Coptic Language (http://www.stshenouda.com/coptlang/copthist.htm)
2. ^ [1] (http://www.gnosis.org/naghamm/nhl.html)
3. ^ Ara pereżempju descripción del idioma copto (http://web.archive.org/20080420115621/www.geocities.com/linguaeimperii/Egyptian/coptic_es.html)
4. ^ [2] (http://www.metalog.org/files/Plumley.pdf)

Bibljiografija

- Richard Smith, *A concise Coptic-English lexicon, SBL resources for biblical study 35*, ISBN 0-88414-039-3
- James Peter Allen, *The Ancient Egyptian Pyramid Texts*, ISBN 1-58983-182-9
- Wolfgang Kosack Lehrbuch des Koptischen.Teil I:Koptische Grammatik.Teil II:Koptische Lesestücke, Graz 1974.
- Wolfgang Kosack: *Der koptische Heiligenkalender.* Deutsch - Koptisch - Arabisch nach den besten Quellen neu bearbeitet und vollständig herausgegeben mit Index Sanctorum koptischer Heiliger, Index der Namen auf Koptisch, Koptische Patriarchenliste, Geografische Liste. Christoph Brunner, Berlin 2012, ISBN 978-3-9524018-4-2.
- Wolfgang Kosack: *Koptisches Handlexikon des Bohairischen.* Koptisch - Deutsch - Arabisch. Verlag Christoph Brunner, Basel 2013, ISBN 978-3-9524018-9-7.
- Wolfgang Kosack: *Schenute von Atripe De judicio finale.* Papyruskodex 63000.IV im Museo Egizio di Torino. Einleitung, Textbearbeitung und Übersetzung herausgegeben von Wolfgang Kosack. Christoph Brunner, Berlin 2013, ISBN 978-3-9524018-5-9.
- Thomas O. Lambdin, *Introduction to Sahidic Coptic*, Macon, Ga., Mercer University Press., ISBN 0-86554-048-9
- J. Vergote. Peeters, *Grammaire Copte*, Leuven, 1992. ISBN 90-6831-425-4
- Jaroslav Cerný and Sarah Israelit Groll, *A Late Egyptian Grammar*, Ruma, 1984.
- W. E. Crum, *Coptic Dictionary*, New York, Oxford University Press, 1939, 2000. ISBN 0-19-864404-3
- Magdi Sami, *Histoire des Coptes d'Égypte*, , 2005.
- M. Gerspach, *Les tapisseries coptes*, Quantin, Pariġi, 1890.

Ħoloq esterni

- Grammatika Copta bl-Ingliż (http://www.metalog.org/files/Plumley.pdf)
- L-istorja tal-lingwa Kopta. The St. Shenouda the Archimandrite Coptic Society. (http://www.stshenouda.com/coptlang/copthist.htm)

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Lingwa_Kopta&oldid=258066"

L-aħħar bidla fuq il-paġna: 09:18, 24 Lul 2020.

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.